



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2021
COM(2021) 214 final

2018/0208 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013

1. SFOND

Trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2018)0384)	it-30 ta' Mejju 2018
Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie konsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni	/
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta	it-18 ta' Ottubru 2018
Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta mandat parzjali għan-negozjati	id-19 ta' Diċembru 2018
It-trilogi	l-20 ta' Frar 2019 il-5 ta' Marzu 2019
Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-fehim komuni li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fit-tieni trilogu	it-13 ta' Marzu 2019.
Il-Parlament Ewropew ikkonferma l-fehim komuni, permezz tal-adozzjoni tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu (l-ewwel qari).	is-17 ta' April 2019
Il-ftehim tal-Kunsill dwar approċċ ġenerali	it-2 ta' Diċembru 2020
It-trilogi	il-11 ta' Diċembru 2020 it-18 ta' Diċembru 2020
Il-kumitati JURI u LIBE bagħtu ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) li tikkonferma l-qbil tal-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali	il-5 ta' Frar 2021
Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil politiku dwar it-test ta' kompromess	is-17 ta' Frar 2021

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-Programm dwar il-Ġustizzja huwa wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. Żona Ewropea tal-Ġustizzja li taħdem u s-sistemi ta' ġustizzja effettivi nazzjonali huma meħtieġa biex is-suq intern jirnexxi u biex jiġu difiżi l-valuri komuni tal-UE. Il-promozzjoni tal-valuri tal-UE tfisser ukoll li niproteġuhom u niżguraw ambjent li jirrispetta l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, b'rikonoxximent reċiproku u fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Il-Programm dwar il-Ġustizzja se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' żona Ewropea ta' ġustizzja msejsa fuq l-istat tad-dritt, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka. Se jiffaċilita u jappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, se jappoġġa u jippromwovi t-taħriġ ġudizzjarju, bil-ħsieb li titrawwem kultura legali, ġudizzjarja u tal-istat tad-dritt komuni u se jiffaċilita l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd u rimedju effettiv. Il-Kummissjoni pproponiet baġit globali ta' EUR 305 000 000 fi prezzijiet attwali.

Il-programm se jappoġġa attivitajiet minn awtoritajiet pubbliċi, istituzzjonijiet akkademiċi/ta' rċerka, korpi ta' taħriġ, u Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' żona Ewropea ta' Ġustizzja. Se jiffinanzja attivitajiet li jtejbju l-fiduċja reċiproka, u l-kooperazzjoni (inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni). Se jiffinanzja t-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju biex itejjeb l-għarfien tagħhom dwar il-liġi tal-UE, l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, il-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u tal-liġi komparattiva (inkluż permezz tal-appoġġ għall-programm ta' ħidma annwali tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju). Il-programm se jappoġġa wkoll l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u n-nuqqas ta' profitti li jiżguraw aċċess adegwat għas-servizzi, il-konsulenza u l-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom liċ-ċittadini kollha.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim li ntlaħaq fit-trilogi. Fost l-aktar bidliet importanti li ġew introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni hemm:

- *Il-benefiċjarji*: l-inklużjoni ta' professjonisti legali li jaħdmu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) bħala benefiċjarji potenzjali u rwol akbar tal-OSC;
- *L-allokazzjoni ta' fondi*: l-introduzzjoni tal-allokazzjoni tal-fondi permezz ta' objettivi speċifiċi kif ukoll marġni ta' flessibilità; din l-allokazzjoni limitata, anke jekk mhux prevista fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, tibni fuq allokazzjoni simili ta' fondi prevista fir-Regolament li jstabilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja 2014–2020.
- *Il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri*: introduzzjoni ta' artikolu dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, premessa msaħħa, data diżaggregata skont il-ġeneri fl-indikaturi u l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali;
- *Ir-rapportar*: lingwaġġ addizzjonali mdaħħal;
- *Attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati*: speċifikazzjoni ulterjuri; il-qsim ta' attività proposta waħda biex ikun hemm attività awtonoma fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; il-“Punt ta' kuntatt nazzjonali” propost ġie sostitwit minn forums ta' diskussjonijiet għall-partijiet interessati;

- *Komitoloġija*: proċedura ta' eżami minflok proċedura konsultattiva; il-proċedura ta' eżami, anki jekk mhux prevista fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, kienet dik użata fir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja 2014-2020

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-ftehim milħuq jippreserva l-oġettivi tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.